MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 842/2009/7

**Raymond Vassallo et**

**vs**

**Anthony Parlato Trigona et**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li l-Perit Raymond Vassallo pprezenta fis-27 ta` Mejju 2014.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Mejju 2014.

Rat ir-risposta li l-intimati kollha pprezentaw fit-12 ta` Gunju 2014.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-risposta.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Gunju 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tar-rikorrent u tal-konjugi Vassallo fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2014.

Tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent billi tiddikjara li f`dan l-istadju hija taghzel li ma tidhol f`ebda kwistjoni li - direttament jew indirettament - tolqot il-mertu ta` x`wassal lir-rikorrent sabiex jistitwixxi l-procediment skond l-Art 402 tal-Kap 386 u li jgib in-Nru 842/2009 JZM, u ta` kif l-intimati qeghdin jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet u/jew allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghhom. Tippronunzja ruhha fil-waqt opportun wara li l-procediment ikun maghluq fl-intier tieghu u jkun jifdal biss li l-Qorti taghti provvediment dwar il-mertu tar-rikors promotorju tal-istanza tar-rikorrent.

Fl-istess waqt u dan unikament fl-interess tas-socjeta` Windsor Holdings Limited, tordna illi ghada t-Tlieta 29 ta` Lulju 2014 fis-2.00 p.m., issir laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-istess Windsor Holdings Limited, fis-sede socjali tal-kumpannija.

Trid illi l-agenda tal-laqgha tkun dik li hija ndikata bhala Dok A anness marrikors tal-Perit Vassallo (fol 3). In partikolari dwar l-item Nru 5 : *Payments, review & discussion for settlement thereof,* il-Qorti qeghda tidderigi lill-Bord tad-Diretturi sabiex japprova l-pagament tal-hlasijiet spettanti lill-awdituri, lir-Registratur tal-Kumpanniji u jekk ikun il-kaz lill-awtoritajiet fiskali.

Trid illi fejn ikun pretiz mill-kumpannija l-hlas ta` spejjez u drittijiet legali, il-Bord tad-Diretturi ghandu jinsisti li qabel jittiehed vot dwar il-pagament, min hareg il-kont jipprezenta prospett dettaljat tal-ammont pretiz.

Trid li jekk ikun fadal hlasijiet ohra x`jsiru senjatament lid-diretturi u/jew lill-azzjonisti, ghandu jithejja prospett dettaljat taghhom qabel jittiehed vot mill-Bord tad-Diretturi. Fil-kaz ta` disgwid dwar il-hlasijiet tal-ahhar, il-materja ghandha tingieb ghall-attenzjoni ta` din il-Qorti sabiex jekk ikun il-kaz taghti provvediment opportun.

Trid li jekk l-agenda ma tkunx ezawrita fil-laqgha tad-29 ta` Lulju 2014, il-Bord tad-Diretturi ghandu jiffissa laqgha jew laqghat ohra sabiex fihom jigu trattati u decizi l-items kollha tal-agenda li jkun ghad fadal.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------